**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 209/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur Neil Harrison***
***v***
***James Marsala***

Illum 08 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** tad-droga eroina u **Ksur ta' L-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9**.

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti rat l-fedina penali tieghu u hadet in konsiderazzjoni ir-rapport favorevoli tal-Probation Officer, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal- GN 292/39 u l-artikoli 49 u 50 kapitolu 9; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Mary Anne Zammit ghal zmien tnax-il xahar*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-

Probation annessa ma’ dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta’ l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f’ termini cari s-sinifikat u l-import ta’ l-imsemmi provvediment.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***